MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Rikors Numru. 831/2008

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

vs

**BRITTANIA CATERING COMPANY LIMITED (C-2893)**, u Joseph u Maria miżżewġin Pace, u Vivienne Limited, u Josette Limited u Joecar Limited.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Awissu, 2008 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Bank rikorrent talab li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiva sentenza mogħtija fit-30 ta' April, 1998 fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċit. Nru 2552/96 NA) u dan billi għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimati notifikati ma ppreżentawx risposta u lanqas dehru għar-rikors meta ssejjaħ;

Rat li rappreżentant tal-Bank rikorrent ikkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u ddikjarat li ma tħallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tal-Bank rikorrent tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa’ t-talbiet ta’ l-istess Bank rikorrent.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------